# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 101/2022/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Ian Xuereb**

Illum 20 ta' April 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Ian Xuereb**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 149887(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli ġewwa dawn il-Gżejjer nhar it-3 ta' Frar 2021:

1. saq vettura b'numru ta' reġistrazzjoni CBP 084, ta' għamla Fiat u saq l-imsemmija vettura mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija;

2. saq jew ippermetta li titħalla l-vettura ta' għamla Fiat bin-numru ta' reġistrazzjoni CBP 084 fi triq, kemm ipparkjata kif ukoll jekk kienet qed tintuża, mingħajr liċenzja ta' ċirkolazzjoni maħruġa mill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta;

3. saq vettura b'numru ta' reġistrazzjoni CBP 084, ta' għamla Fiat u saq l-imsemmija vettura mingħajr ma kien kopert b'polza ta' sigurta' dwar ir-riskji għat-terzi persuni;

4. kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta);

5. nhar it-3 ta' Frar 2021 u anke matul il-ġranet ta' qabel naqas milli jħares xi waħda u/jew iktar minn waħda mill kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), b'digriet mogħti mill-Maġistrat Dr. Gabriella Vella LLD, datat nhar l-14 ta' Lulju 2020 li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien minn l-arrest taħt diversi kondizzjonijiet.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skond Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-24 ta' Frar 2022, fejn il-Qorti, filwaqt li ma sabitx lill-imputat ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u minnha lliberatu, wara li rat Regolamenti 13(2) u 44(7)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02, Artikoli 3(1) u 3(2)(a) ta' Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta u r-4 u s-6 Taqsima, Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) ta' Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u Artikolu 579(2) ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputat ħati tat-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4) u l-ħames (5) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu għal għaxar xhur priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sospiżi għal żmien sentejn minn dakinhar li ngħatat is-sentenza.

*Ai termini* ta' Artikolu 28Ġ(1) ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti poġġiet lill-imputat taħt Ordni ta' Superviżjoni għal żmien sentejn (2) minn dakinhar li tat is-sentenza u ordnat ukoll l-konfiska tad-depożitu ta' ħames mitt Euro (€500) impost fuqu bid-digriet tal-ħelsien mill-arrest tal-14 ta' Lulju 2020 mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Gabriella Vella iżda ma ordnatx il-konfiska tal-garanzija personali imposta fl-istess digriet, mingħajr ma rrevokat il-ħelsien mill-arrest tiegħu.

L-Ewwel Qorti ordnat ukoll li jekk l-imputat ma jħallasx l-ammont tad-depożitu konfiskat fid-data li s-sentenza tagħha tkun saret eżekuttiva huwa jkun soġġett għar-riarrest sakemm ma jottemperax ruħu mal-kondizzjonijiet imposti fid-digriet tal-14 ta' Lulju 2020.

*A tenur* ta' Artikolu 3(2A) ta' Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti ordnat li l-imputat jiġi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien ta' tnax-il xahar mid-data tas-sentenza.

L-Ewwel Qorti spjegat lill-imputat bil-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza mogħtija minnha u jekk jikser l-Ordni ta' Superviżjoni.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fl-14 ta' Marzu 2022 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha dwar il-liberazzjoni fuq l-ewwel akkuża u tibdilha dwar l-akkużi l-oħrajn speċjalment dwar l-akkuża numru 5 u tibdilha dwar il-piena billi minflok il-piena inflitta ta' għaxar xhur tirriduċiha tenut kont speċjalment tat-tlett xhur arrest preventiv illi sar in konnessjoni mal-istess kawża."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant jitlob li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn illiberatu mill-ewwel (1) imputazzjoni u tibdilha fir-rigward tal-imputazzjonijiet l-oħra speċjalment dwar il-ħames (5) waħda u tirriduċi l-piena ta' għaxar xhur priġunerija t-terminu ta' liema ġie sospiż għal sentejn u dana tenut kont speċjalment it-tliet xhur arrest preventiv illi sar in konnessjoni mal-istess imputazzjoni.

Illi l-appellant iressaq numru ta' ilmenti fl-aggravji tiegħu li jistgħu jiġu mqassra kif isegwi:

- dwar it-tieni (2) imputazzjoni jisħaq li t-tiġdid tal-liċenzja hija responsabilita' tas-sid li f'dan il-każ huwa Nazzareno

Camilleri tant li l-imputazzjoni tgħid li ħalla lil ħaddieħor isuq il-vettura u dwar il-fatt li saq il-vettura mingħajr assigurazzjoni japplika l-istess argument;

- l-ammont ta' droga li kien hemm kien għal użu personali;

- dwar il-ksur tal-kondizzjonijiet tal-liberta' proviżorja, jgħid li jidher li l-ksur gravi kien dak tal-pussess tad-droga herojina u li ta' dan irċieva kundanna speċifika u għalhekk ma tistax tkun il-bażi ta' kundanna fuq il-ħames imputazzjoni;

- jisħaq li hu u martu għaddew tliet xhur il-ħabs in konnessjoni ma' dan il-każ qabel ingħataw il-liberta' proviżorja u li l-Ewwel Qorti ma ssemmi xejn f'dan is-sens fis-sentenza tagħha;

- fis-sottomissjonijiet bil-fomm tiegħu, il-konsulent legali tal-appellant jargumenta, fost l-oħrajn, li trid issir distinzjoni bejn il-fatt li ma tiġix imġedda l-liċenzja u minkejja li tiġi mġedda bi żvista ma titwaħħalx u li fit-tieni każ hija kontravenzjoni.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li fit-3 ta' Frar 2021 għal ħabta tat-8.00pm l-appellant kien qiegħed isuq vettura Fiat ta' kulur aħmar bin-numru ta' reġistrazzjoni CBP 084 u li flimkien miegħu kien hemm Simone Xuereb. Jirriżulta li din il-vettura ġratilha ħsara u waqfet fil-viċinanzi tal-*park and ride* tal-Marsa u fil-frattemp il-membri tad-*Drug Squad* ingħataw struzzjoni sabiex iwaqqfu din l-istess vettura u waqt it-tfittxija li kienet qed issir fiha nstab li fil-*keychain* taċ-ċavetta (li kienet forma ta' *pocket* żgħir) kien hemm *sachet* bi droga li sa dak il-mument kienet suspettata li hija herojina.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tal-aggravju mressaq fir-rigward tal-imputazzjonijiet partikolari.

Illi, fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni, l-appellant jisħaq li t-tiġdid tal-liċenzja hija responsabilita' tas-sid li f'dan il-każ huwa Nazzareno Camilleri tant li l-imputazzjoni tgħid li ħalla lil ħaddieħor isuq il-vettura. Minn qari tat-tieni (2) imputazzjoni jirriżulta li bl-aktar mod ċar li din, fost affarijiet oħra, hija indirizzata lejn il-fatt li l-appellant saq il-vettura mingħajr liċenzja.

Illi fir-rigward tar-responsabilita' tat-tiġdid tal-liċenzja tas-sewqan, il-Qorti tagħmel riferenza għal Regolament 13(4) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 tal-Liġijiet ta' Malta (Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur) li jgħid hekk:

> "Is-sid ta' vettura bil-mutur li jkun jixtieq li jikseb liċenza għal dik il-vettura għandu japplika permezz tal-formola preskritta lill-Awtorita'. [...]"

Illi minn qari ta' dan is-sub-Regolament jirriżulta li r-responsabilita' legali tat-tiġdid tal-liċenzja hija dik tas-sid. F'dan ir-rigward issir riferenza għas-sentenza mogħtija fis-26 ta' Novembru 2018 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pierre Farrugia** (Numru 234/2015) fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali qalet hekk:

> "Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni skond id-diċitura tar-Regolamenti 13, 14 u 17 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 ir-responsabbilta' ta' din lir-regolarita' tinkombi fuq min ikun is-sid tal-vettura u ma jidhirx li dan il-ksur jestendi għal min ikun sempliċiment utent tal-vettura."

Illi minkejja li minn Dok. "SC" (*a fol.* 78 *et seq.*) jirriżulta li s-sid tal-vettura huwa Nazzareno Camilleri pero' fl-istess waqt il-Qorti tinnota li l-appellant ġie akkużat li saq il-vettura u b'hekk ma jistax jingħad li hu mhux ħati ta' din l-imputazzjoni.

Illi dwar it-tielet (3) imputazzjoni, u ċioè il-fatt li l-appellant ġie misjub ħati li saq il-vettura mingħajr assigurazzjoni, il-Qorti

tagħmel riferenza għal Artikolu 3(1) ta' Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra hekk:

> "Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, <u>ħadd ma jista' juża</u> jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza." [emfażi miżjuda]

Illi t-tielet (3) imputazzjoni tinkwadra ruħha f'dak li jipprojbixxi s-sub-Artikolu hawn fuq ikkwotat. Filwaqt li Artikolu 3(1A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta joħloq preżunzjoni ta' ħtija sa fejn l-appellant ma jippruvax li fil-fatt huwa kellu tali polza, il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta li l-vettura in kwistjoni ma kinitx assigurata. Ma' dan il-Qorti żżid tgħid li l-eċċezzjoni valida li jsemmi Artikolu 3(1B) ta' Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta ma ġietx imressqa u għaldaqstant l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet lill-appellant ħati tat-tielet (3) imputazzjoni.

Illi dwar ir-raba' (4) imputazzjoni, l-appellant jgħid li l-ammont ta' droga li kien hemm kien għal użu personali. Jgħid li ħareġ mill-vizzju tad-droga. Din il-Qorti ma tantx għandha wisq xi tgħid dwar dan u dana meħud in konsiderazzjoni li meta ta d-depożizzjoni tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellant ammetta li d-droga misjuba kienet għal użu tiegħu.

Illi dwar dak li qal l-appellant fir-rigward tal-ħames (5) imputazzjoni, il-Qorti tinnota li fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti tgħid x'inhuma l-kondizzjonijiet miksura mill-appellant inkluż il-fatt li ma daħalx fil-ħin u n-nuqqas li jmur jiffirma u dawn minbarra s-sejbien tal-herojina. Il-Qorti tinnota li hemm ukoll ir-reat li l-appellant saq vettura mingħajr ma' din kienet assigurata. B'hekk isegwi li s-sejbien ta' ħtija ta' l-Ewwel Qorti fir-rigward ta' din l-imputazzjoni ma kienx imsejjes biss fuq is-sejbien ta' l-herojina iżda kien hemm fatti oħra. Minkejja dawn in-nuqqasijiet

l-oħra, l-Ewwel Qorti xorta applikat piena pjuttost leġġera hekk kif ammess l-istess appellant fl-appell tiegħu.

Illi fl-aħħar l-appellant jilmenta li hu u martu għaddew tliet xhur il-ħabs in konnessjoni ma' dan il-każ qabel ingħataw il-liberta' proviżorja u li l-Ewwel Qorti ma ssemmi xejn f'dan is-sens fis-sentenza tagħha u b'konsegwenza ta' hekk għandu jkun hemm temperament fil-piena. Din il-Qorti tinnota li l-Ewwel Qorti ma kellha għalfejn issemmi xejn dwar it-tnaqqis tat-terminu ta' arrest preventiv u dwar jekk għandux ikun hemm temperament fil-piena minħabba f'hekk, b'dan illi l-Qorti tinnota wkoll illi jekk is-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti tkun fil-parametri tal-liġi, din il-Qorti għandha tara jekk għandux ikun hemm xi nuqqas fil-piena, skont il-każ.

Illi dwar il-piena, l-appellant jgħid hekk fir-Rikors tal-appell tiegħu: *"Waqt li l-Qorti ma kinitx iebsa żżejjed dwar il-piena pero' n-natura tal-piena li ngħatat kienet karċerarja għalkemm sospiża. Huwa fatt li l-pussess tal-eroina kien ċertament għall-użu personali tiegħu. Fil-każijiet l-oħrajn kollha huma kontravenzjonali u l-liġi tipprevedi għalihom il-multa u mhux il-karċerazzjoni."*

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. [...]
>
> 11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha."

Illi l-Qorti taqbel ma' dak hawn fuq ikkwotat u tagħmlu tagħha b'dan illi wara li rat il-piena erogata mill-Ewwel Qorti u meħud in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-appellant, il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għala għandha tibdel il-piena erogata mill-Ewwel Qorti stante li din il-Qorti jirriżultalha li hija waħda ġustifikata fiċ-ċirkostanzi u fejn inħarġet Ordni ta' Superviżjoni fil-konfront tal-appellant sabiex jagħraf jimxi fit-triq it-tajba.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Ian Xuereb u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**